MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2013

Numru. 739/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cachia)**

**vs**

**Frankie Falzon**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Frankie Falzon ta' 32 sena, iben Alfred Falzon u Mary Grace Falzon xebba Azzopardi, mwieled Qormi, nhar it-30 ta' Jannar 1978, residenti Romantic Flt 3, Tri q F Farrugia, Zebbug u detentur tal-karta tal-identita' numru 138078M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

(A) Nhar il-Hadd 2 ta' Mejju 2010, ghall-habta tat-8pm, fi Triq Mdina Zebbug u sussegwentement fi Triq il-Kbira, Zebbug stess, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe

fuq vettura b'numru ta' registrazzjoni AAB 819 ghad-detriment ta' John Grech.

(B) Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ghamel hsara jew hassar jew gharraq xi haga u cioe vettura ohra b'numru ta' registrazzjoni CBP 967 ghad-detriment ta' Fiona Camenzuli.

(C) Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' John Grech kif iccertifika Dr. Glen Micallef Med reg no: 3230 mic-centru tas-sahha ta' Floriana.

(D) Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hedded bil-kliem lil Anthony Grech

(E) Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura bil-mutur b'numru ta' registrazzjoni DRU 500, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u b'mod perikoluz.

(F) Sar recidiv, wara li gie ikkundannat ghal reati b'sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qrati Maltin.

(G) Kiser kondizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati fis-16 t'Ottubru 2009.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi skond l-Art 383 et seq tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghas-sigurta ta' John Grech u Anthony Grech u l-iskwalifika jew sospensjoni tal-licenza tas-sewqan ta' Frankie Falzon.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta' Frar 2011 (esebit *a folio* 15 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2011 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident li nqala’ fit-2 ta’ Mejju 2010 ghall-habta tat-8pm fi Triq Mdina u sussegwentement fi Triq il-Kbira, Haz-Zebbug bejn l-imputat u l-ahwa John u Anthony Grech fejn l-imputat waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DRU 500 volontarjament ikkaguna hsara fuq il-vetturi bin-nurmru tar-registrazzjoni AAB 819 ghad-detriment ta’ John Grech u fuq il-vettura bin-numru tat-registrazzjoni CBP 957 ghad-detriment ta’ Fiona Camenzuli kif ukoll ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ John Grech.

John Grech li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-24 ta’ Marzu 2010 spjega li huwa persuns b’dizabilita’ u qal li fil-gurnata u hin in dizamina huwa kien passiggier fil-vettura tieghu li kienet qed tigi misjuqa minn huh Anthony Grech u huma kienu ghaddejjin fi Triq l-Imdina, Haz-Zebbug meta gie l-imputat bil-vettura tieghu minn warajhom, dahal quddiemhom u waqaf sabiex jghaddu l-vetturi li kienu qeghdin iduru mar-roundabout u malli daru l-vetturi ta’ mar-roundabout l-imputat irriversja ghal fuq il-vettura ta’ Grech u kkagunalu hsara fuq il-parti ta’ quddiem tal-vettura tieghu. Dan ix-xhud kompla jghid li malli huwa u huh nizlu mill-vettura sabiex jezaminaw il-hsara fil-vettura taghhom l-imputat ukoll hareg mill-vettura tieghu u beda’ jsawwathom u Anthony Grech beda’ jitob lill-imputat sabiex ihalli lil huh bil-kwiet ghaliex kien persuna b’dizabilita’ izda dan ma semghax u Anthony Grech ghalhekk qal lil huh sabiex jahrab minn fuq il-post bil-vettura u huwa telaq jigri bir-rigel. John Grech spjega li meta huwa telaq minn fuq il-post bil-vettura tieghu l-imputat beda’ jigri warajh bil-vettura u jidhol fih u baqa’ jsegwih sakemm dahlu f’vettura parkeggjata fejn imbaghad huwa kellu jieiqaf. Dejjem skond John Grech

f'dan l-istadju l-imputat imbaghad rega' hareg mill-vettura tieghu u reg'a beda' jaghtih u qattalu l-flokk sakemm imbaghad gew il-Pulizija u missieru fuq il-post. Anthony Grech li wkoll xehed waqt l-udjenza tal-24 ta' Marzu 2010 ikkorrobora l-verzjoni tal-fatti moghtija minn huh John Grech u spjega ulterjorment li huwa kien qed isuq daqxejn bil-moghod u l-imputat li kien warajh beda' jdoqlu l-horn u jahgmillu s-sinjali sabiex ihallih jghaddi u malli mbaghad qabzu tefa' quddiemu u malli gew wara xulxin u huwa dar sabiex ikellem lil huh l-imputat rah mill-mera qed ikellem lil huh u qabad u rriversja ghal fuqu. Huwa qal li malli nizel mill-vettura l-imputat mar bil-girja ghal fuqu u qabad jaghtih u mbuttah mal-art u meta rah ser jaqbad ma huh beda' jghidlu sabiex ihallih peress li huh kien disabled izda kien kollu ta' xejn u huwa ghalhekk qal lil huh sabiex jitlaq minn fuq il-post bil-vettura u huwa telaq jigri bir-rigel.

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri izda fis-6 ta' Mejju 2010 huwa rrilaxxja stqarrija[1] fejn qal li waqaf fit-traffiku u waqt li kien qed iqabbad sigarett hass daqqa fuq wara u meta nizel mill-vettura tieghu z-zewg okkupanti tal-vettura li kienet dahlet fih hargu jigru u bdew joffenduh b'ommu u huwa iddejjaq hafna b'dan il-kliem peress ll xi snin qabel kien mietlu tifel. L-imputat sostna li s-sewwieq tal-vettura harab minn fuq il-post u huwa qabdu u qallu l-kliem 'x'qed taghmlu b'idejkom, dawn mhux kumidji zejda' u dak il-hin John Grech saq ghal gewwa fih u prova itajjru u gibidlu l-bieba tan-naha tax-xufier u telaq minn fuq il-post. L-imputat kompla jghid li huwa dahal fil-vettura tieghu u u segwih u meta lahqu dan zamm il-brejk u huwa ghalhekk baqa' diehel fih u huwa baqa' diehel f'vettura parkeggjata. L-imputat sostna li meta nduna li John Grech kein persuna b'dizabilita' ddispjacih ghal dak li gara. Meta gie mistoqsi jekk kienx xorob qabel l-incident ghall-ewwel qal li kien ha zewg tazzi nbid wara l-ikel izda mbaghad qal li kien ha xi birra wkoll. Huwa ma kienx kapaci jispjega kif seta' jkun li s-sewwieq tal-vettura l-ohra hareg joffendih meta skond l-imputat kien dan li dahal fih u mhux vice versa.

[1] Inserita a fol. 41 sa 43 tal-atti processwali.

Ikkunsdirat:

Illi kif jirrizulta mill-paragrafi precedenti din il-Qorti tindab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox kunfliggenti dwar kif setghu graw l-affarijiet fl-incident in dizamina u cioe' dik tal-ahwa John u Anthony Grech min-naha l-wahda u dik tal-imputat min-naha l-ohra. Huwa principju ben assodat li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberatorja u fil-kaz odjern din il-Qorti li kellha l-opportunita' tisma' lil John u Anthony Grech jixhdu viva voce u setghat tosserva l-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda m'ghandha l-wbda dubju dwar il-kredibilita' taghhom u jidrilha li l-verzjoni tal-fatti minnhom moghtija hija dik li tirrifletti dak li effettivament gara fit-2 ta' Mejju 2010. Din il-Qorti setghat ukoll tinnota li x-xhieda ta' John Grech hija korrroborata wkoll mix-xhieda a' PS 1585 James Weatherill[2] li spjega li meta wasal fuq il-post tal-incident sab zewg vetturi mahbutin f'vettura parkeggjata u sab lill-imputat li kien qed ihebb ghal John Grech fejn dan tal-ahhar kien fil-vettura tieghu u kellu l-flokk imqaccat. Dan ix-xhud qal ukoll li huwa kellu jidhol fin-nofs sabiex l-imputat ma jkomplix ihebb ghal Grech. Ix-xhieda ta' PS1585 ghalhekk tikkonferma dak li xehed John Grech u tikkontradici dak li qal l-imputat fl-istqarrija fejn sostna li kienu l-ahwa Grech li hebbew ghalih u mhux vice versa. Il-Qorti jidrilha li mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li l-imputat ikaguna hsara volontarja kemm fuq il-vettura ta' John Grech kif ukoll fuq il-vettura ta' Fiona Camenzuli liema vettura kienet parkeggjata. Irrizulta wkoll li huwa volontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa lil John Grech u li saq il-vettura tieghu b'mod perikoluz u bla kont. Mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni jirrizutlaw ukoll pruvati l-imputazzjonijiet 'F' u 'G' izda in kwantu jirrigwarda l-addebitu tar-recidiva dan jirrizulta biss ai termini tal-Artikolu 49. Il-Qorti jidrilha li mix-xhieda ta' Anthony Grech ma jirrizultax pruvat b'liema mod Anthony Grech gie mhedded mill-imputat u huwa sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-imputazzjonii mmarkata bhala "D'.

[2] Li xehed f'dawn il-roceduri waqt l-udjenza tal-24 ta' Marzu 2010.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li din mhux l-ewwel darba l kiser dufrejgjh mal-gustizzja u jidrilha li ghandha tapplika piena karcerarja sospiza u tiskwallifika lill-imputat milli jzomm jew jotjeni licenzja tas-sewqan.Il-Qorti ma setghatx tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 28H tla-Kodici Kriminali ghaliex gie prodott biss survey report rigwardanti l-hsarat fil-vettura ta’ John Grech liema survey report ma giex konfermat mill-persuna li hejjitu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 49, 325, 221 u 222 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala A, B, C, F u G u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum u tiskwalifikah milli jzomm jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur millum. Il-Qorti tiddkjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni mmarkata bhala ‘D’ u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputat b’obbligazzjoni personali taht penali ta’ €500 ghal zmien tnax (12) il-xahar millum milli jimmolesta jew jivvessa lil Anthony Grech u lil John Grech.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------